

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 50/2012

tat-30 ta' Marzu 2012

li temenda l-anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II ta' mal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 132/2011 tat-2 ta' Diċembru 2011 ⁽¹⁾.
- (2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/79/UE tad-19 ta' Novembru 2010 dwar l-adattament għall-progress tekniku tal-Anness III għad-Direttiva 2004/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-limitazzjoni ta' emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili ⁽²⁾ għandha tiġi integrata fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan li ġej jiddaħħal fil-punt 9 (Direttiva 2004/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XVII tal-Anness II ta' mal-Ftehim:

“, kif emendat permezz:

— **32010 L 0079:** tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/79/UE tad-19 ta' Novembru 2010 (ĠU L 304, 20.11.2010, p. 18).”.

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2010/79/UE bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Marzu 2012, dment li jkunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

⁽¹⁾ ĠU L 76, 15.3.2012, p. 16.

⁽²⁾ ĠU L 304, 20.11.2010, p. 18.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.